MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 797/2002

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta' Lulju 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi il-partijiet izzewgu fil-11 ta' Dicembru 1987 fil-Knisja Tal-Madonna Tas-Silg, Marsaxlokk, kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness Dok. "A";

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li

taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif ukoll illi l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni tal-hajja mizzewga – dan kollu *a tenur* tal-**artikolu 19 (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi, ulterjorment, il-kunsens tal-konvenuta kien ukoll ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, senjatament tal-fedelta', jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg kien null u inattendibbli u minghajr effett;

Illi, l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi: -

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fil-11 ta' Dicembru 1987 kien null u bla effett kif suespost;

Il-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici datata 12 ta' Lulju, 2002, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol 3 u fol 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal datat 21 ta' Novembru 2002, fejn inghata digriet tal-affidavit attrici b' terminu ta' hamsin (50) gurnata.

Rat in-nota tal-attur A, datat 11 ta' Frar 2003, a fol. 14, li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu u ta' John Mary Theuma.

Rat il-verbali datati 13 ta' Frar 2003, 18 ta' Marzu 2003 u 20 ta' Mejju 2003.

Rat il-verbal datat 19 ta' Gunju 2003, fejn Dr. Joanne Vella Cuschieri ghall-attur talbet li n-notifika tal-konvenuta

ssir permezz tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap. 12** f'gazetta lokali wahda u l-Qorti laqghat it-talba.

Rat il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern skond il-ligi datata 15 ta' Lulju 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuta B fit-22 ta' Lulju, 2003, fejn eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talba tal-attur sabiex iz-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet fil-11 ta' Dicembru 1987 jigi dikjarat null u bla effett hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;

2. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 32 *et seq* tal-process.

Rat it-talba tal-konvenuta ghall-Ghajnuna Legali datata 16 ta' Lulju 2003, a fol. 34.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 17 ta' Lulju 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba w assenjat lir-rikorrenti bhala difensuri l-Avukat Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar.

Rat il-verbal tal-4 ta' Novembru 2003 fejn Dr. Joanna Vella Cuschieri ghall-attur iddikjarat li ma ghandhiex provi izjed. Inghata digriet affidavit tal-konvenuta b'terminu ta' tlettin (30) jum.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 27 ta' Novembru 2003, a fol. 40, li permezz taghha prezentat l-affidvit taghha, ta' ommha Doris Bonnici u ta' ohtha Catherine Barbara.

Rat il-verbal datat 14 ta' Jannar 2004, fejn il-Qorti ordnat lill-konvenuta biex tinnotifika l-affidavit kollha taghha. Gie nominat Dr. Vince Galea bhala Assistent Gudizzjarju.

Rat il-verbal datat 17 ta' Marzu 2004, fejn l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea nforma lil Qorti li s-seduta li kien gie ordnat izzomm ma kinitx inzammet.

Rat il-verbal tas-19 ta' Mejju, 2004 fejn l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea nforma lil Qorti li l-provi jinsabu maghluqa u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Frar, 2005.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea fil-5 ta' Mejju 2004.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (I) PROVI PRODOTTI.

Rat l-affidavit tal-attur **A** minn fol 15 sa fol. 17 tal-process. Rat ukoll l-affidavit ta' **John Mary Theuma** li jigi missier l-attur. Tali affidavit gew prezentat permezz ta' nota datata 11 ta' Frar 2003.

Rat l-affidavit tal-**konvenuta B** li jinsab minn fol. 41 sa fol. 47. Rat ukoll l-affidavit ta' omm il-konvenuta **Doris Bonnici** a fol. 61 u l-affidavit ta' ohtha **Catherine Barbara** a fol. 62. Tali affidavit gew prezentati permezz ta' nota datata 27 ta' Novembru 2003. Rat il-kontro-ezami tal-partijiet quddiem l-Assistant Gudizzjarju.

### (II) PRINCIPJI LEGALI

Illi l-attur jinvoka n-nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-kunsens li tat il-konvenuta u wkoll li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat ghaliex eskluda elementi essenzjali taz-zwieg u l-istess konvenuta kienet affetta b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet taghha taz-zwieg, u dan

apparti li ssimulat il-kunsens taghha ghall-istess zwieg u ghalhekk tali zwieg ghandu jigi ddikjarat null u bla effett *ai termini* tal-**artikoli 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, fejn jinghad hekk:-

**Artuikolu 19 (1)** *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null*:-

**(d)** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenjali taz-zwieg;*

**(f)** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.*

Illi fil-kuntest tas-**sub inciz 19 (1) (d)** fuq citat jinghad li l-kunsens fir-rabta taz-zwieg jirrikjedi maturita` ta' hsieb u karattru sabiex min jidhol ghal dan il-pass ikun konxju li zwieg ifisser *commitment* lejn din ir-rabta.

Illi l-awtur ***Bersini*** – **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino 1994)** ighid hekk fuq il-grad ta' maturita` rikjesta sabiex wiehed jikkuntratta z-zwieg:-

*"Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappra che cosa e il matrimonio; e necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'alto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'alto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro."*

Illi l-awtur ***Bernard A. Siegle***, fil-ktieb tieghu **"Marriage According to the New Code of Canon Law"** jghid li bil-kunsens taghhom il-partijiet jridu joffru lil xulxin:-

*"a) the right to a community of life;*

*b) the possibility of living this community of life;*

*c) the right to the conjugal act;*

*d) the other essential properties of marriage – unity, fidelity and indissolubility".*

Illi ***Siegle*** jkompli jghid illi wiehed mill-elementi tal-kunsens hu l-maturita` li skond l-awturi rotali u gurisprudenza rotali tinkludi:-

*"a) an affective maturity that enables them to grasp the deep meaning of the conjugal covenant and to give it permanent value;*

*b) a discernment of judgement proportionate to the importance of the pact being concluded;*

*c) an internal free choice of will without coercive impulsions;*

*d) a freeness of character or personality that is capable of effective decision making;*

e) a normal sexuality".

Illi l-attur ibbaza c-citazzjoni tieghu wkoll fuq l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** li jiddisponi li:-

<u>**Artikolu 19 (1):**</u> *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** deciza

minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – 9 ta' Marzu, 2000) u skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi inoltre fis-sentenza **"Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA deciza fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghad-decizjonijiet "**Sharon Bezzina vs Richard Bezzina**" (P.A. (RCP) 6 ta' Frar 2003); "**Jacqueline Agius vs Ivan Agius**" (P.A. (RCP) 11 ta' Dicembru 2002); u "**Joseph Cutajar vs Dr. Mark Busuttil et nomine**" (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2003, "**Angolina sive Julia Dawah vs Dr. Martin Fenech et nomine**" (P.A. (RCP) 27 ta' Marzu 2003); "**Alexander Brincat vs Moira Farrugia gja` Brincat**" (P.A. (RCP) 27 ta' Marzu 2003); "**Louise Anne Sammut vs Tonio Ciantar**" (P.A. (RCP) 30 ta' April 2003) u "**Angela Pullicino vs William Camilleri**" (P.A. (RCP) 13 ta' Marzu 2003).

## (III) APPREZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fil-11 ta' Dicembru 1987 u dan wara li kienu ltaqghu fis-sena 1980, u jirrizulta li fl-affidavit estensiv tieghu l-istess attur jallega li l-konvenuta kienet affetta b'difett ta' diskrezzjoni ta' guduzzju peress li hija zzewget mhux ghaliex kienet thobbu, jew ghaliex riedet tqatta' l-kumplament tal-hajja taghha mieghu f'relazzjoni permanenti u indissolubbli, izda sabiex tehles mill-problemi tal-familja taghha, tant li l-konvenut jghid li l-istess konvenuta kienet adirittura inkapaci li tesegwixxi jew tonora jew adirittura taddata ruhha ghall-obbligi taghha ta' mara mizzewga u ta' omm.

Illi fil-fatt fl-istess affidavit tieghu l-istess attur jallega li l-konvenuta kienet affetta minn problema ta' xorb alkoholiku, anke qabel iz-zwieg, telqet mid-dar taghha biss ghaliex il-familja taghha kienet tghix fi stat mizeru, u jghid li fil-fatt fi-zwieg kienet taghmel li fettlilha u baqghet tghix il-hajja taghha ta' mara xebba. Dwar dan ukoll hemm ix-xhieda ta' John Mary Theuma missier l-attur li kwazi jaqbel f'kollox ma' dak li jghid ibnu.

Illi l-konvenuta min-naha l-ohra b'affidavit estensiv taghha tmerri u tikkontesta dan kollu tant li hija tghid li hija dejjem hadmet ghall-gid tal-familja tant li qabel iz-zwieg hija kienet tghin lill-attur meta kellu grocer, tant li wara x-xoghol taghha hija kienet tmur hdejh biex tghinu. Sahanistra baqghet tahdem wara z-zwieg sakemm kellha seba' xhur tqala, anke ghaliex l-attur kien spicca bla xoghol. Tghid pero' li l-problemi bdew meta l-attur beda' jahdem mas-Super 1 ghaliex beda jdum ghax-xoghol u fetah *stationery* li l-konvenuta kellha tghin fiha, izda wara xi zmien ma' felhitx iktar. Pero' l-konvenuta tghid li l-attur xorta baqa' jdum ghax-xoghol fuq attivita' konnessi max-xoghol tieghu mas-Super 1 Television, u hasset ruhha traskurata minn zewgha. Dan apparti allegazjonijiet li maz-zmien l-istess attur kellhu hbiberija zejda ma' certa Claire Fabri, li ssustiet minkejja li kien ovvju li qed tfixkel ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet u wara li saret is-separazjoni b'sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta millum is-Sinjorija Tieghu l-Prim' Imhallef Vincent Degeatano, l-istess attur prezentament ghandu relazzjoni ma' certa Marisa Galea.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti ma' thossx li l-allegazjonijiet ta' l-attur fil-konfront ta' martu gew b'xi mod ippruvati, anzi jidher li kull allegazzjoni li ghamel tinsab kontradetta mill-istess konvenuta, u din il-Qorti thoss li *in verita'* l-versjoni tal-konvenuta hija hafna iktar kredibbli, u dan huwa wkoll kkonfermat mill-fatt li jekk wiehed ihares lejn is-sentenza ta' separazjoni bejn il-partijiet fl-ismijiet **"B proprio et nomine vs A"** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta kif inghad fis-16 ta' Settembru 1996, jidher car li l-allegazzjonijiet ta' l-attur dwar il-komportament ta' martu fiz-zwieg huma wkoll differenti

minn dak li qed jitkellem dwarhom illum, u iktar sinifikanti ma’ hemm xejn fl-istess sentenza li l-konvenuta kienet suggetta ghall-problema ta’ alkahol, tant li l-kura u l-kustodja ta’ l-istess ulied giet fdata mill-istess Qorti lill-istess konvenuta u jidher li din is-sitwazzjoni giet ukoll accettata mill-attur.

Illi li hemm differenti huwa u li dwaru l-attur ma’ jsemmi assulutament xejn, huwa li ghandu relazzjoni ma’ mara ohra u allura jista’ jkun li ghandu bzonn l-annullament ghar-ragunijiet tieghu; izda dan certament ma’ huwiex il-mod u lanqas ir-raguni ghaliex ghandha ssir kawza ta’ annulament, u din il-Qorti thoss li abbazi tal-provi prodotti, u l-allegazzjonijiet minnu vantati, l-attur ma ghandu lanqas il-minimu ta’ prova sabiex l-kawza ta’ annullament tirnexxi,almenu fuq il-binarji minnu proposti. Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda.

**<u>III. KONKLUZZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu biss l-istess huma b’xi mod kompatibbli ma’ dak hawn premess u deciz, **tichad it-talba attrici *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------